QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT DR D. MONTEBELLO B.A.LL.D

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 27 T' APRIL 2001

Avviz Nru 524/98DM

Trinatours Limited

Vs

Martin Camilleri

Il-Qorti

Rat l-avviz tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenut sabiex jhallas lill-istanti is-somma ta' hames mija u tnejn u disghin lira u tletin centezmu (Lm592.30) ammont dovut lill-istanti ghal "booking" ta' vjagg minn Malta ghal Orlando maghmula mill-istanti ghall-konvenut li baqghu ma thallsux.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1) Illi t-talbiet tas-socjeta attrici ghandhom jigu michuda kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt;

2) Illi ghar-rigward tal-booking imsemmi fl-avviz mis-socjeta attrici ta' vjagg minn Malta ghal Orlando diga kien thallas lis-socjeta attrici ammont ta' flus bhala depositu mill-konvenut .

3) Illi t-talba tas-socjeta attrici ghandha tigi michuda u dana peress illi l-imsemmi "booking" li kellu jsir mis-socjeta attrici ma sarx kif miftiehem u konsegwenza ta' hekk l-konvenut sofra diversi danni.

4) Salvi eccezzjonijiet ohra

Bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi ma hemmx kontestazzjoni mill-konvenut li kien effettivament ipprenota vjagg komplet ghall-Orlando, fl-Istati Uniti, Komprizi lukandi, assikurazzjoni u taxxi u anke kiri ta vetturi. Ta dan il-vjagg kien ftiehem prezz ta Lm1592.30 li minnhu hallas LM1000 akkont u qed jirrifjuta li jhallas il-bilanc minhabba in-nuqqas tal-kumpanija British Airways li tipprovdilhu servizz miftiehem, liema nuqqas ipprovoka danni ohra li jissuperaw fil-valur il-bilanc mitlub mill-atturi.

Infatti il-konvenut stess jallega li: "if the overnight accomodation at London Gatwick was booked properly all this could have been avoided".

Billi l-atturi fin-negozju mal-konvenuti kienu qed jirrapresentaw lill-kumpanija l-ohra kollha li kellhom jipprovdu s-servizzi lill-konvenuti, kien ikun intitolat il-konvenut li jirrifjuta li jhallas lill-atturi ghal xi servizzi li ma gewx moghtija u li arrekawlhu d-danni.

Izda l-konvenut ghazel li jikkomunika direttament mal-kumpanija British Airways, il-kumpanija li naqset milli tipprovdi s-servizz miftiehem u li kkawzatlhu d-danni.

Skond id-deposizzjoni tal-istess konvenut, din il-kumpanija offrietlhu somma ta LM180 "in total sodisfazzjon tad-drittijiet tieghi" u l-konvenut ma accetax li jkunu ghas-saldu ´imma accettajt din is-somma minghajr pregudizzju ghad-drittijiet li kellhi fil-konfront taghhom u ohrajn."

Izda kif digia gie ritenut minn dawn il-Qrati, l-konvenut li rcieva offerta ghas-saldu ma kienx liberu li unilateralment idawwar dik l-offerta bhala wahda akkont u jiddeciedi li jilqa l-offerta izda bil-mod kif huwa ghogbhu li jinterpretaha.

Il-konvenut kellhu biss ix-xelta li jew jaccetta jew jirrifjuta l-offerta kif giet lilhu mghamula.

Din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet “St. George’s Park Company Limited –v- Eric Pace Bonello noe.” (Avviz 966/97) decisa fit-12 ta Jannar 2001 kienet irriteniet hekk:

“Din il-pozizzjoni diga’ giet ikkunsidrata diversi drabi mill-Qrati taghna u l-gurisprudenza preponderanti f’kwistjonijiet simili hija illi jekk il-kreditur jaccetta pagament mibghut lilu ghas-saldu ikun qieghed jikkonferma illi b’dak il-pagament ikun inqatel id-dejn u ma jistax jippretendi huwa li jkun baqaghlu kreditu ghall-bilanc.

Infatti l-Qorti ta' l-Appell, fis-sentenza taghha tas-6 ta' Mejju 1991, fil-kawza fl-ismijiet "Francis Penza – Vs- John Mallia" kienet irriteniet hekk: 'In tema legali jinghad illi f'cirkostanzi normali, kif diga' osservat din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-26 ta' Novembru 1986 in re: W Apap vs Joseph Gasan et noe, meta d-debitur offerenti jiddikjara b'mod univoku u indubitabbli li qed joffri pagament ghas-saldu tal-pretenzjonijiet kollha tal-kreditu u m'ghandux dritt il-kreditur unilateralment jinjora l-mod kif offert il-pagament u jaccettah b'kundizzjonijiet u rizervi li necessarjament huma inkonsistenti ma' offerta ta' pagament ghas-saldu. Dan gie ukoll ikkonfermat mill-Qorti Civili Prim'Awla fis-sentenza taghha tal-24 ta' April 1992, fil-kawza fl-ismijiet "Raymond Bonnici nomine – Vs - Horace Tonna", fejn din il-Qorti irriteniet illi ma jista' jkun hemm l-ebda dubju li l-intenzjoni ta' l-attur nomine kienet cara, kif lanqas jista' jkun hemm dubju li l-kunsens tal-kreditur konvenut seta' kien vizjat minn xi zball invincibbli li l-offerta' kienet qed issir biss akkont ta' l-ammont minnu pretiz. Hu naturali l-izball jew injoranza tal-ligi bl-ebda mod ma jistghu jiggustifikaw il-pretensjoni tal-konvenut li, effettivament bl-eccezzjoni li ta' qed issostni li hu kellu kull dritt li jaccetta pagament ghas-saldu bhala pagament akkont b'decizjoni unilaterali tieghu u li seta' jghamel dan sempliciment billi jikkomunika lid-debitur kif u taht liema modalita' hu kien sarraf ic-cheque. Pozizzjoni din legalment insostenibbli. "

Ghaldaqstant bl'accettazzjoni tieghu tal-offerta, il-konvenut ghandhu jitqies li rrinunzja ghall-bilanc ta danni li jippretendi u l-kwistjoni dwar in-nuqqasijiet derivanti minn-nuqqas ta British Airways ghandha titqies mghaluqa.

Konsegwentement il-konvenut ma jistghax jeccepixxi dik il-kwistjoni mghaluqa ghat-talba tal-atturi u fil-waqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tieghu, tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-atturi s-somma mitluba ta LM592.30 ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghax legali mit-18 ta April 1998.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

Magistrat Dr. D. Montebello BA LLD

A. Farrugia
Dep.Reg.
Civil 19